Tribunal Industrijali

Decizzjoni Numru 1670

Kaz Numru 2235 MF

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

Bejn

Diane Genovese

U

Sweet Source Limited

Dwar tkeccija mill-impjieg
Allegata li hija ngusta

Illum 6 ta' Frar 2006

Chairman: Dr. Martin Fenech LL.D. Dip. Adv. Eur. Stud. (Bruges)

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali wara dikjarazzjoni ta' kwistjoni tax-Xoghol dwar tkeccija ingusta mill-impjieg ta' Diane Genovese mibghuta lit-Tribunal Industrijali fil-9 ta' Dicembru 2004 mill-Avukat Dr. Norma Vella li bghatat id-dikjarazzjoni ghan-nom ta' Diane Genovese fejn talabet li dan il-kaz jinstema' quddiem it-Tribunal Industrijali.

Diane Genovese maghrufa bhala l-appellanta kienet assistita mill-Avukat Dr. Norma Vella u ghall-Kumpanija Sweet Source Limited Limited deher Lino Azzopardi assistit minn Dr. Peter Fenech.

**Dikjarazzjonijiet tal-Kaz**

Fl-istqarrija tal-kaz l-appellanta ddikjarat li kienet tahdem mal-kumpanija Sweet Source Ltd fit-13 ta' Ottubru 2000 u l-impjieg taghha gie terminat fil-15 ta' Ottubru 2004.

Il-kumpaniji Sweet Source Ltd u Nectar Limited kienu inghaqdu u kella principal gdid.

Ghalhekk minhabba r-ragunijiet imsemmija fid-dikjarazzjoni it-tkeccija hija ingusta u ma saritx ghal ragunijiet skond kif titlob il-Ligi.

Is-socjeta fl-istqarrija taghha qalet li t-terminazzjoni tal-impjeig ta' Diane Genovese saret minhabba l-fatt li fil-qadi ta' dmirijietha l-appellanti ma kellhiex performance tajba u minhabba l-attitudini arroganti taghha kellhom jkeccuha u ghalhekk t-tkeccija hija gustifikata.

**PROVI**

Quddiem it-Tribunal Industrijali gew imressqa diversi provi. Xehed Lino Azzopardi fejn qal li l-performace ta' Diane Genovese kien ta' livell inaccettabli u li kienet tbiegh l-istess prodotti bhas-salesman ohrajn. Stennew sakemm tigi liura mis-sick leava u wara keccewha.

Xehed Charles Abela li huwa direttur mal-kumpanija fejn xehed bil-gurament illi Diane Genovese kienet taghmel ta' rasha.u li kienet tgerger. Minkejja li kellha incident bil-karrozza bumper ma bumper hadet sena injury leave. Fil-fatta meta giet lura mill-injury leave tkecciet.

Xehed ukoll Mario Abela li huwa direttur ukoll mal-kumpanija Sweet Source Llimited. L-istess xhud stqarr illli r-raguni principali li twaqqfet mix-xoghol kien minhabba l-atitudini taghha u li kienet dejjem toggezzjona. Bhala salesperson damet tmien xhur. Ir-raguni li damu sabiex ikeccuha kien li harget fuq injury leave u ma setghux ikeccuha waqt is-sick leave u ghalhekk meta rritornat lura giet imkeccija mal-ewwel. Gie ipprezenat ukoll prospett bil-biegh ta' kull salesman.

Xehedet Diane Genovese fejn qalet li bidet tahdem ma Sweet Source Limited fis-sena 2000 u fis-sena 2003 inbidel il-management u baqghet tahdem hemm sas-sena 2004. Minkejja li offrejt li tidhol xoghol wara hmistax sabiex taghmel xoghol alternattiv giet infurmata illi ma kienx hemm xoghol alternattiv u ser tigi imkeccija. Wara regghet harget fuq injury leave. Wara li dahlet mill-injury leave giet

imkeccija. Hi kinet tahdem mis-sebgha u nofs ta' filghodu sa s-sebgha ta' filghaxija.

Hija kienet taghmel xogholi tajjeb u l-klijent qatt ma kienu igergru u daqqa lahqet is-sales target u daqqa ohra le. Diane Genovese kienet tressaq l-lmenti tal-klijenti mal-management u kienu johduha kontra taghha.

L-Avukati tal-partijiet ittrattaw il-kaz verbalment.

**KUNSIDERAZZJONIJIET**

It-Tribunal ikkonsidera diversi aspetti ta' dan il-kaz u jibda' biex jghid li hemm zewg versjonijiet tal-partijiet li huma distinti minn xulxien pero jirrifletti l-istess fatti u ghalhekk irid jiggudika fuq liema verzjoni hija korretta.

Xoghol il-gudikat huwa li jwiezen il-fatti, jara x-xhieda kif xehdu fuq il-pedana tax-xhieda u jipprova jasal ghall-konkluzzjoni min qieghed jqarreb il-verita jew minn qieghed jghid il-verita.

F'dan il-kas it-Tribunal qieghed jemmen aktar i-versjoni tal-impjegata Diane Gonovese milli tal-principal. Mill-provi prodotti jidher bic-car illi din il-kumpanina tbiddlet idejn jew ahjar dahal shareholder gdid li ha t-tmexxija tal-kumpnaija f'idejh.

Jidher car ukoll illi taht l-management fl-antik Diane Genovese kienet taghmel xoghol ta' segretarja waqt li taht il-management il-gdid kienet taghmel xoghol ta' salesperson. Jidher ukoll illi l-management l-gdid kien aktar konxju sabiex jottjeni rizultati u ghalhekk kien hemm aktar pressjoni fuq Diane Genovese. Jidher pero illi ftit jew wisq Diane Genovese kienet tlahaq mas-sales targets li kien mistenni minnha. L-ilment principali kien fuq l-attitudini taghha li kien wiehed li tgerger u li trid taghmel ta rasha. Jidher ukoll illi ma kienx hemm xi warnings bil-miktub.

Kull meta jsir xi kambjament ta' management dan jikkawza xi turbolenza u l-haddiema ikollhom bzonn zmien sabiex jaddattaw. It-Tribunal qieghed jaghmila cara illi f'kazijiet bhal dawn huwa l-impjegat li jrid jaddatta u mhux il-principal.

It-Tribunal jinnota ukoll illi d-diretturi ma tantx kienu disposti li jismimghu x'ghandha xi tgid Diane Genovese u fil-fatt saret iddejaqhom. Haga li pperturbat dan il-Tribnal huwa iz-zmwin twil li Diane Genovese damet fuq injury leave. Dan pero ma tantx ipperturbat il-principal peress li ma baghtuhiex ghal xi medical jew ghand xi tabib ghal chech-up u ghalhekk dan it-Truinal mhux ser jidhol f'din il-kwistjoni.

It-Tribinal ihoss illi Diane Genovese addat ruhha ghall-management l-gdid. Jista' jkun li kienet tilmenta izzejjed u li kienet tgerger pero kienet tlahhaq mal-biejgh li kien mistenni minnha.

It-Tribunal qieghed jikkonsidera ukoll illi l-principal ha pacenzja maghha.

**Decizzjoni**

It-Tribunal Industrjali wara li kkunsidera l-istatements u s-sottomissjonijiet tal-partijiet ikkoncernati ra u ezamina d-dokumenti ezebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotti, u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz jiddikjara li l-kumpanija Sweet Source Limited ma kinetx gustifikata li tkecci lill-Diane Genovese mix-xoghol taghha.

Ghaldaqstant it-Tribinal Industrijali jiddeciedi billi jilqa dan l-appell u jordna lis-socjeta Sweet Source Llimited tigi kkundannta li thallas l-amont ta' erba mitt Lira Maltin (LM400) bl- spejjes ghandhom jigi sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

Ghall-finijiet ta' L-Avviz Legali 48 tal-1986 jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' erbghin Lira Maltin (LM40).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Avv Martin Fenech
Chairman

Vera Kopja

Vincent Micallef
Segretarju